# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 25 ta' Mejju, 2023.**

**Numru 4**

**Rikors numru 121/13/1 GM**

**Kooperattiva tal-Coaches (Koptaco) Ltd (Coop Reg No 45)**

**v.**

**Thomas Smith Insurance Agency Limited (C5637) bħala aġent ta' GasanMamo Insurance Limited (C343) u b'digriet tat-13 ta' Mejju, 2013 ġiet kjamata fil-kawża s-soċjetà GasanMamo Insurance Limited (C3143)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-Kooperattiva tal-Coaches (Koptaco Ltd) kontra deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-14 ta' Marzu, 2019, fejn ġiet milqugħa eċċezzjoni li l-azzjoni għall-ħlas tad-danni ma tistax tissokta minħabba li din hija preskritta skont

l-**Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili**.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fis-6 ta' Frar, 2013, il-Kooperattiva tal-Coaches (Koptaco Ltd) fissret li fid-9 ta' Diċembru, 2010 seħħet ħabta bejn il-vettura Daihatsu (DBK-454) misjuqa minn Adrian Henry Staines u minivan (HMY-195) misjuq minn Ivan Galea. Id-Daihatsu kienet proprjetà ta' Joseph Casha, filwaqt li l-minivan kienet proprjetà tal-Kooperattiva. Dakinhar tal-ħabta, is-sewwieq Adrian Henry Staines, ta' ċittadinanza Ingliż, kien assigurat ma' Thomas Smith Insurance Agency Limited bħala aġent ta' GasanMamo Insurance Limited.

3. Il-Kooperattiva saħqet li minħabba dan l-inċident hija ġarrbet danni kbar magħmul fost affarijiet oħra minn spejjeż f'kiri ta' vettura oħra u minn twaqqigħ fil-valur tal-minivan HMY-195 meta dan inbiegħ lil terzi fi stat *tale quale*. Billi l-Kooperattiva dehrilha li l-inċident seħħ minħabba min kien qiegħed isuq id-Daihatsu u billi hija baqgħet ma tħallsitx għad-danni li tgħid li ġarrbet, hija fetħet din il-kawża u talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *"1. Tiddikjara illi l-inċident awtomobilistiku fuq imsemmi tad-9 ta' Diċembru, 2010 seħħ unikament minħabba tort, imprudenza u/jew negliġenza da parti tal-assigurat tas-soċjetà intimata Thomas Smith Insurance Agency Limited bħala agent ta' GasanMamo Insurance Limited;*
>
> *2. Tillikwida d-danni sofferti mill-kooperattiva rikorrenti occorendo bl-*

*opra ta' perit nominandi, liema danni għal kull buon fini jeċċedu l-kompetenza taċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ;*

*3. Tikkundanna lis-soċjetà intimata Thomas Smith Insurance Agency Limited bħala aġent ta' GasanMamo Insurance Limited sabiex tħallas id-danni hekk likwidati lill-kooperattiva rikorrenti oltre l-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv;*

*Bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjetà intimata li ġiet inġunta għas-subizzjoni."*

4. Il-kumpanija Thomas Smith Insurance Agency Limited wieġbet fis-7 ta' Marzu, 2013 u laqgħet għal din il-kawża b'dawn l-eċċezzjonijiet:

*"1. Illi in linja preliminari, l-eċċipjenti mhijiex il-leġittima kuntradittriċi tal-attriċi stante li l-polza ta' assigurazzjoni dwar il-vettura DBK 454 inħarġet minn GasanMamo Insurance Limited li hija kumpanija reġistrata f'Malta, bl-uffiċċju tagħha f'Malta, u għaldaqstant għandha tiġi ċċitata direttament u personalment u mhux tramite aġent tagħha;*

*2. illi mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi huma kolpiti bil-preskrizzjoni ta' sentejn fit-termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili;*

*3. illi dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, ir-responsabilità għall-inċident de quo mhuwiex tas-sewwieq tal-vettura DBK 454 imma tal-Awtorità ta' Malta dwar it-Trasport minħabba senjaletika għalkollox sgwidanti li kien hemm, dakinhar tal-inċident, fl-inħawi fejn ġara l-inċident.*

*4. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, l-ammont ta' danni li qed jintalab mill-attriċi huwa wieħed eżorbitanti u esaġerat għall-aħħar u b'ebda mod ma huwa ġġustifikat mis-surveys li saru – fuq bażi ta' "bla preġudizzju" – fuq il-vetturi involuti fl-inċident."*

5. Fis-seduta tat-13 ta' Mejju, 2013, l-Ewwel Qorti ordnat li tissejjaħ fil-kawża GasanMamo Insurance Limited. Kif jidher mill-verbal tal-istess seduta, l-avukat Carmelo Galea aċċetta li jilqa' n-notifika tal-atti tal-kawża f'isem il-kumpanija msejħa fil-kawża u ddikjara illi GasanMamo Insurance Limited kienet qiegħda tagħmel tagħha r-risposta maħlufa mressqa minn Thomas Smith Insurance Agency Limited fis-7 ta' Marzu, 2013. Fl-istess

waqt huwa rrinunzja għall-ewwel eċċezzjoni preliminari dwar il-leġittimità passiva.

6. B'sentenza tal-14 ta' Marzu, 2019, l-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt l-**Artikolu 2152 (*recte* 2153) tal-Kodiċi Ċivili** u b'hekk temmet l-azzjoni tal-Kooperattiva. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kienu dawn:

> *"Illi l-konvenuta u l-imsejħa fil-kawża jeċċepixxu li l-azzjoni tal-attur hija milquta mill-preskrizzjoni ta' sentejn maħsuba fl-Artiklu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. Ma hemmx dubbju li l-perjodu tas-sentejn għadda billi l-inċident seħħ fid-09.12.2010 u r-Rikors Ġuramentat ġie ppreżentat fis-06.02.2013. Ma sar ebda att ġudizzjarju interruttorju. L-attriċi ma poġġietx fid-dubbju l-applikabilità tal-Art. 2153 iżda llimitat ruħha għas-sottomissjoni li din l-eċċezzjoni mhix kompatibbli mar-raba' eċċezzjoni li permezz tagħha qed jiġi allegat li l-ammont mitlub bħala danni hu esaġerat billi din issarraf f'rinunzja taċita għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;*
>
> *Illi l-attriċi tiċċita in sostenn tas-sottomissjoni tagħha lil Guido Vella v Emanuel Cefai*[1] *u lil Aluminium Ltd v Earli Ltd*[2]*. L-ewwel sentenza rriteniet li l-eċċezzjoni li l-ammont mitlub kien esaġerat kienet inkonsistenti mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għaliex "ma tistax ma tinftehimx ħlief bħala ammissjoni tal-kreditu imma li hemm kontestazzjoni tal-quantum". It-tieni kawża ddeċidiet fl-istess sens, tant li ċċitat b'approvazzjoni lill-ewwel sentenza, li llum hija locus classicus fir-rigward. L-imħallef sedenti huwa familjari ħafna ma' Vella v. Cefai anke billi kien l-avukat patroċinatur tal-attur u bħala tali kien hu li qanqal il-kwistjoni tal-konflitt bejn l-eċċezzjonijiet de quo;*
>
> *Illi l-konvenuta u l-imsejħa fil-kawża rribatew bl-ikbar qawwa s-sottomissjoni tal-attriċi. Is-sustanza tal-argumenti tagħhom hija li:*
>
> *(i) Artiklu 728(1), wara li ġie emendat bl-Att XXIV.1995, jesiġi li l-eċċezzjonijiet kollha sew dilatorji kif ukoll fil-mertu jitqajjmu kollha fir-Risposta Ġuramentata, bl-eċċezzjonijiet li jolqtu l-mertu jingħataw bla preġudizzju għad-dilatorji. Salv fejn il-liġi ma tippermettix espressament mod ieħor, wara l-emendi tal-1995, ma baqax iktar permess li jiddaħħlu eċċezzjonijiet ulterjuri. Għalhekk il-konvenuti tabilfors kellhom idaħħlu l-eċċezzjoni dwar ammont esaġerat, flimkien*

[1] ***Guido Vella v. Dr. Emanuel Cefai*** 05.10.2001 Qorti tal-Appell (kolleġjali).
[2] ***Aluminium Limited v. Earli Limited*** 16.02.2004 Qorti tal-Appell (kolleġjali).

*mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, għaliex altrimenti d-dritt tad-difiża tagħhom kien jiġi serjament ippreġudikat.*

*(ii) Kien ikun hemm inkompatibilità kieku l-ewwel saret l-eċċezzjoni fil-mertu imbagħad dik tal-preskrizzjoni, u bla ma l-eċċezzjoni fil-mertu saret –kuntrarjament għal dak li sar fil-każ preżenti – b'mod sussidjarju u ċjoè bla preġudizzju għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.*

*(ii) Kemm il-ġurisprudenza kif ukoll id-dottrina jirritjenu li jkun hemm inkompatibilità fejn id-debitur ma jiċħadx id-dejn imma sempliċiment jikkontesta l-kwantum. Bl-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, jkun qiegħed, appuntu, jiċħad id-dejn;*

*Illi din il-Qorti, filwaqt li tqis li dawn l-argumenti huma tassew inġenjużi ma tistax taċċettahom. Fl-ewwel lok, l-esiġenza ritwali li l-eċċezzjonijiet iridu jsiru kollha fil-bidu tal-kawża ma jbiddel xejn mid-divjet li jitressqu eċċezzjonijiet inkompatibbli ma' xulxin. It-tieni, iċ-ċaħda tad-dejn trid tkun barra mill-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, appuntu biex tista' tkun kompatibbli magħha. Kieku kellha tiġi aċċettata din il-propożizzjoni, Vella v Cefai kienet tasal għal konklużjoni differenti;*

*Illi f'Vella v Cefai, u f'Aluminium v Earli, lil hinn mill-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma kienx hemm ċaħda tal-obbligazzjoni pretiża mill-attur, imma biss eċċezzjoni li tikkontesta l-quantum. Sempliċi deduzzjoni loġika ma jistax għajr iwassal għall-konklużjoni li l-kontestazzjoni tal-ammont tippresupponi tabilfors l-eżistenza tal-kreditu pretiż;*

*Illi dak li sfuġġa lill-konvenuta u lill-imsejħa fil-kawża fin-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tagħhom hi li fl-eċċezzjonijiet tagħhom fir-Risposta Ġuramentata, huma ma llimitawx ruħhom għall-kontestazzjoni tal-kwantum. Anzi din l-eċċezzjoni (ir-raba' waħda) saret wara, u bla preġudizzju għal, mhux biss dik tal-preskrizzjoni (it-tieni waħda) imma wkoll dik taċ-ċaħda tar-responsabilità tas-sewwieq (it-tielet waħda). Mela f'din il-kawża – b'kuntrast evidenti ma' Vella u Cefai u sentenzi oħrajn - m'hawnx biss sic et sempliciter il-kontestazzjoni tal-kwantum. Hawn ukoll ċaħda totali tar-responsabilità għall-inċident; fi kliem ieħor negazzjoni li huma debituri. Huwa in vista ta' din il-qagħda li huwa applikabbli t-tagħlim tad-dottrina u tal-ġurisprudenza ċċitata mill-konvenuta u mill-imsejħa fil-kawża li:*

*(i) quando il debitore, senza negare in sostanza di essere tale, si limita a discutere ed impugnare l'ammontare dovuto, vi ha rinunzia tacita alla prescrizione*[3] *u li*

*(ii) id-debitur li ma jiċħadx li kellu jagħti, imma biss jallega li huwa jidhirlu li ma għandux jagħti daqskemm jippretendi l-kreditur nomine, jirrinunzja taċitament għall-preskrizzjoni; għaliex l-inċertezza tal-*

[3] ***Aubry et Rau*** Vol VIII para 776; ***Troplong***, Prescrizione no 67.

> *quantum ma tirrendix nulla r-rikonjizzjoni tad-debitu meta tkun aċċertata l-kawża tiegħu[4];*
>
> *Illi għalhekk f'dan il-każ il-Qorti m'għandhiex raġuni biżżejjed biex tqis li l-konvenuta u l-imsejħa fil-kawża rrinunzjaw taċitament għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni."*

7. Il-Kooperattiva atrriċi appellat minn din is-sentenza b'rikors imressaq fit-3 ta' April, 2018, bl-aggravju waħdieni jkun li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kellha tiġi miċħuda ladarba l-kumpanija konvenuta u l-imsejħa fil-kawża kkontestaw id-danni mitluba mill-Kooperattiva bħala esaġerati.

8. Il-kumpanija konvenuta u l-imsejħa fil-kawża wieġbu flimkien fil-15 ta' April, 2018 u taw ir-raġunijiet tagħhom għala dan l-appell għandu jiġi miċħud.

9. Inżamm smigħ fit-30 ta' Marzu, 2023 u dakinhar ġie deċiż li l-appell seta' jitħalla għas-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet:**

10. Il-kwistjoni li trid tiddeċiedi din il-Qorti hija jekk il-konvenuta u l-imsejħa fil-kawża jistgħux iqajmu flimkien, fl-istess risposta, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tas-sentejn taħt l-**Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili** u l-eċċezzjoni li l-ammont ta' danni mitlub mill-Kooperativa appellanti huwa

---

[4] ***Gustavo Micallef v. Eleneore Micallef*** Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, Koll. XXXII.ii.30.

esaġerat.

11. Il-Kooperattiva appellanti targumenta fl-appell tagħha li dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet ma jistgħux joqogħdu flimkien għaliex il-kontestazzjoni tal-ammont bħala wieħed esaġerat issarraf f'rinunzja tal-preskrizzjoni. Għalhekk il-Kooperattiva appellanti tisħaq li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kellha tiġi mwarrba u mhux aċċettata mill-Ewwel Qorti.

12. Mill-banda l-oħra, iż-żewġ appellati ma jaqblux li huma b'xi mod irrinunzjaw għall-preskrizzjoni mqanqla minnhom. Anzi jsostnu li għalkemm huma ressqu bħala eċċezzjoni sussidjarja li l-ammont mitlub mill-Kooperattiva appellanti huwa eżaġerat, madankollu huma qegħdin jiċħdu li għandhom iwieġbu għad-danni mitluba mill-Kooperattiva appellanti għax jemmnu li ma kienx l-assigurat tagħhom li ħoloq l-inċident. Iżidu jgħidu wkoll li huma ġew imħarrka f'din il-kawża minħabba obbligi legali mnissla mill-**Ordinanza Dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur Għar-Riskji ta' Teriz Persuni** u mhux minħabba xi relazzjoni kuntrattwali, kważi-kuntrattwali jew delittwali. Għalhekk jisħqu li billi l-assiguratur ma jkunx involut direttament fl-inċident, ma hemm xejn ħażin li huwa jitħalla jiddefendi ruħu billi b'mod ewlieni jqajjem il-preskrizzjoni u b'mod sussidjarju jikkontesta l-ammont mitlub, bla ħsara għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Jekk ma jkunx hekk, l-appellati jgħidu li l-assiguratur iħalli lilu nnifsu miftuħ għal talbiet li ma jirriflettux il-verità tad-danni, jekk jirriżulta li l-preskrizzjoni tal-azzjoni tkun ġiet miksura minħabba xi raġuni

mhux magħrufa lill-assiguratur fil-mument li huwa jkun ressaq l-eċċezzjonijiet.

13. Din il-Qorti titlaq billi tgħid li l-preskrizzjoni hija mezz sabiex wieħed ikun jista' jeħles minn azzjoni meta l-kreditur ma jkunx eżerċita l-jedd tiegħu għal żmien li tgħid il-liġi (ara **Artikolu 2107(2) tal-Kodiċi Ċivili**). Il-filosofija legali li tiġġustifika l-preskrizzjoni hi li wara ċertu żmien l-obbligazzjonijiet bejn il-partijiet iridu jiġu maqtugħa. Huwa sewwasew għalhekk li tidħol fix-xena l-preskrizzjoni għaliex il-liġi ma tridx illi tilwimiet bejn partijiet jibqgħu mdendlin għal dejjem mingħajr ma qatt jiġu solvuti (ara ***Albert Camilleri v. Dr. Richard Galea Debono*** deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-1 ta' Lulju, 1997).

14. Il-preskrizzjoni tolqot il-jeddijiet u l-azzjonijiet li jmissu lil kull persuna, istitut jew korp morali bla ebda distinzjoni (**Artikolu 2115(1) tal-Kodiċi Ċivili)**.

15. Ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Carmlu Limited v. Joseph Cachia*** deċiża fid-29 ta' Marzu, 2019, li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eċċezzjoni, u għalkemm il-parti attriċi tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti konvenuta, billi tmeri li għadda ż-żmien, jew billi ġġib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiża jew miksura, il-piż jaqa' prinċipalment fuq min jallega l-preskrizzjoni.

16. Il-Qorti trid iżżomm f'moħħha wkoll illi l-preskrizzjoni hija meqjusa fil-ġurisprudenza tagħna bħala istitut odjuż (ara ***Noel Ellul noe v. Francis Vella*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Mejju, 2001 u ***Ruggiero Cali v. Perit u Arkitett u Inġinier Ċivili George Galea*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Mejju, 1956) u li f'materja bħal din mhijiex ammissibbli l-interpretazzjoni estensiva, b'dana għalhekk li t-tħaddim ta' dawn id-dispożizzjonijiet tal-preskrizzjoni għandhom jingħataw tifsira dejqa ħafna (ara ***Perit Arkitett Ian Zammit v. V. Attard (Works) Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu, 2021, ***Earthcare Company Limited v. Kunsill Lokali Valletta*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-7 ta' Novembru, 2008 u ***Prof. Anthony J. Mamo noe v. Nutar Emmanuele Agius*** deċiża fil-25 ta' Novembru, 1957).

17. Dan hu hekk għaliex għalkemm l-istitut tal-preskrizzjoni huwa soċjalment neċessarju biex ineħħi kull inċertezza fl-istat ta' dritt, madankollu dan l-istitut huwa fih innifsu wieħed punittiv, peress li jillimita u jċaħħad l-eżerċizzju tad-dritt ta' azzjoni, bis-sempliċi mogħdija taż-żmien (ara ***Jean Depasquale nomine v. David Jones*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Ottubru, 1991 mill-Imħallef Joseph Said Pullicino).

18. Rilevanti ħafna għall-appell tal-lum, huwa dak li ngħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Emmanuele Aquilina v. Geraldo Sammut*** tat-30

ta' Ottubru, 1953 li,

> *"ma tibqax opponibbli l-preskrizzjoni, jekk id-debitur, b'att tiegħu spontaneju ta' assunzjoni ta' ċertu sistema ta' difiża, ipoġġi ruħu fi stat ta' fatt li jirrendi inkompatibbli l-pożizzjoni ġuridika tiegħu mal-preżunzjoni kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni u l-forma permessa mil-liġi lill-kreditur biex jikkombatti dik l-istess preskrizzjoni.*"

19. Tassew jeżistu ċirkostanzi, fejn il-preskrizzjoni ma jibqgħalha l-ebda valur minħabba li d-debitur iħaddan magħha linja ta' difiża oħra li tpoġġih f'qagħda li tmur kontra l-eċċezzjoni mogħtija minnu stess tal-preskrizzjoni. Linji difensjonali bħal dawn, jistgħu jiġu interpretati bħala għarfien tad-dejn u għalhekk iġibu bħala konsegwenza l-ksur tal-preskrizzjoni jew ir-rinunzja għall-preskrizzjoni jekk din tkun laħqet għaddiet (ara ***Stephen Scicluna v. Perit Claude Busuttil*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ottubru, 2017).

20. Hekk biex wieħed jispjega aħjar dan il-prinċipju, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni titqies li tkun ġiet rinunzjata u mwaqqa': (i) fejn id-debitur ma jkunx ċaħad id-dejn u saħansitra jkun għaraf anke b'mod impliċitu jew indirett illi l-obbligazzjoni mhijiex estinta (ara ***Parroco Sac. Francesco Saverio Mifsud v. Nicola Decelis*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar, 1921 u ***Victor Calleja noe v. Nazzareno Vassallo et noe*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 1998); (ii) fejn id-debitur jgħid li hija dovuta somma inferjuri għal dik mitluba (ara ***Giorgio Demarco et v. Giovanni Aquilina***, Appell Kummerċjali tal-10 ta' Ġunju, 1946 u ***Emmanuel Vella et v. Adelina Sacco et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-

27 ta' Ottubru, 2017); (iii) fejn id-debitur iqajjem id-difiża tat-tpaċija (ara ***Joseph Vella pro et noe v. John Vella*** deċiża mill-Qorti tal-Appell, fis-7 ta' Ottubru, 1997, ***Cornucopia Hotel Limited v. Fisher Reisen Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Ottubru, 2007 u ***Hal Mann Limited v. Avukat Dottor Tonio Azzopardi et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Ġunju, 2011); u (iv) fejn id-debitur jirrifjuta illi jħallas għaliex jgħid li x-xogħol sar ħażin, bl-inferenza tkun, li jekk jirriżulta li x-xogħol, fil-fatt sar tajjeb, ma jkunx hemm ostakolu għall-ħlas (ara ***Kunsill Lokali Birżebbugia v. Direttur tad-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u Manutenzjoni, Taqsima Xogħlijiet*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Marzu, 2007).

21. Fil-kuntest ta' dan kollu, din il-Qorti taqbel għalkollox mal-aggravju tal-Kooperattiva appellanti li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tas-sentejn imqajma miż-żewġ appellati ma tistax tintlaqa' ladarba f'eċċezzjoni oħra tagħhom huma sostnew li t-talba għall-ħlas tal-Kooperattiva attriċi hija esaġerata.

22. Fil-qofol tagħha, eċċezzjoni bħal din, hija għamla ta' stqarrija tad-dejn, għalkemm mhux fl-ammont mitlub. U stqarrija tal-eżistenza tad-dejn ixxejjen l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni (ara ***Maria Carmela Xuereb v. Chantel Xuereb Mulvaney et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ottubru, 2022 u ***Guido J. Vella A. & C.E. v. Dr. Emanuel Cefai LL.D*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2001).

23. Il-fatt li l-eċċezzjoni dwar l-eċċessività tal-ammont mitlub mill-attur tkun ġiet imressqa mill-konvenut bla preġudizzju għall-eċċezzjoni għall-preskrizzjoni u bla preġudizzju wkoll għall-eċċezzjoni li l-konvenut m'għandu jagħti xejn lill-attur għaliex mhux responsabbli għal dak li qed jitlob l-attur, ma jbiddilx din il-pożizzjoni. Dan għaliex xorta waħda l-eċċezzjoni fuq il-kwantum tad-danni tibqa' kontradittorja ma' dik tal-preskrizzjoni, irrispettivament mill-fatt li din tkun tressqet bla preġudizzju dwar l-eċċezzjoni fuq in-nuqqas ta' responsabbilità.

24. Fil-fatt fis-sentenza ***Consiglio Livori v. Jacksons Company Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-27 ta' Mejju, 2015, fejn bħala eċċezzjonijiet kienu tqajmu wkoll bħal fil-każ tal-lum, il-preskrizzjoni tal-**Artikolu 2153**, in-nuqqas ta' responsabilità tal-inċident u l-eċċessività tal-kumpens mitlub, ingħad hekk:.

> *"L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni eċċepita hija inkompatibbli mas-sistema ta' difiża (fit-tielet eċċezzjoni) adottata mis-soċjetà konvenuta li l-ammont huwa esaġerat. Li kieku s-soċjetà konvenuta appellanti waqfet wara t-tieni eċċezzjoni, (u ċjoè li l-ammont huwa preskritt u li hija mhux id-debitriċi) ma kien ikun hemm ebda inkompatibilità bejn l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta appellanti. Madanakollu, is-soċjetà appellanti għażlet li tressaq bħala difiża tagħha l-eċċezzjoni dwar l-ammont reklamat bħala wieħed esaġerat. Dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet flimkien huma inkonċiljabbli u inkompatibbli. Huwa minnu dak li tgħid is-soċjetà appellanti illi hija tadotta ukoll il-linja tad-difiża tal-ineżistenza tad-debitu però hija eċċepiet ukoll li l-ammont huwa esaġerat, liema eċċezzjoni timporta rikonjizzjoni u l-ammissjoni tad-dejn filwaqt li tikkontesta l-quantum tal-istess dejn. Bir-rikonjizzjoni tad-dejn is-soċjetà konvenuta appellanti interrompiet kif ukoll taċitament irrinunzjat għall-preskrizzjoni li tkun qed tiddekorri."*

25. Hekk ukoll ġie mtenni mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Raymond***

***Cutajar v. Grand Hotel Excelsior Limited*** deċiża fit-28 ta' Frar, 2020, li kkonfermat sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fit-13 ta' April, 2014 mill-Imħallef Anthony Ellul, fejn ukoll kienu tqajmu l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni, tal-ineżistenza tal-kreditu u tal-eċċessività tal-kreditu:

> *"meta konvenut jeċċepixxi l-ammont riklamat da parti tal-attur bħala wieħed esaġerat, ikun qiegħed jikkontendi li l-ammont reklamat kellu jkun inqas, allura jkun qiegħed jirrinunzja taċitament għall-preskrizzjoni peress li hemm inkompatibilità bejn l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u l-eċċezzjoni li l-ammont mhux dovut stante li esaġerat. Hekk ukoll ġie ritenut li fejn id-debitur jikkontesta l-quantum tal-ammont dovut allegat mill-kreditur, id-debitur ikun qiegħed jinterrompi u taċitament jirrinunzja għall-preskrizzjoni. L-istess f'dan il-każ, ladarba fit-tielet eċċezzjoni tagħha l-konvenuta appellanta eċċepiet li l-ammont pretiż huwa esaġerat u mhux gustifikat, din l-eċċezzjoni hija inkompatibbli mal-ewwel eċċezzjoni tal-preskrizzjoni allavolja saret "subordinatament u mingħajr pregudizzju għal fuq eċċepit."*

26. Il-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin f'dan il-każ hija ċara ħafna (ara wkoll ***Fond għall-Protezzjoni u Kumpens v. Carl Mario sive Karl Micallef et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili *per* Imħallef Lawrence Mintoff fil-21 ta' Frar, 2018 li kienet dwar inċident awtomobilistiku u ***Mario Pace v. Corinthia Palace Hotel Company Limited*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili *per* Imħallef Lorraine Schembri Orland fit-13 ta' Ġunju, 2013, li kienet dwar inċident fuq il-post tax-xogħol) u dan lil hemm ta' dak li setgħu qalu xi ġuristi Taljani u Franċiżi f'sekli oħra dwar il-liġijiet partikolari tagħhom. Taħt is-sistema Maltija l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hija meqjusa li ġiet rinunzjata jekk din titqanqal flimkien ma' eċċezzjoni li l-ammont mitlub huwa eżaġerat, eċċessiv jew aktar milli jmissu.

27. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-fatt li dawn l-eċċezzjonijiet ġew imqajma

minn assiguraturi li ġew imħarrka skont l-**Ordinanza Dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur Għar-Riskji ta' Terzi Persuni** ma jbiddel xejn minn din il-pożizzjoni.

28. Wara kollox, kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Inna Said v. Massimo Bonello et*** deċiża fit-23 ta' Novembru, 2020, ladarba tista' titmexxa azzjoni kontra assiguratur skont l-**Artikolu 9A tal-Ordinanza**, bla ħtieġa li tħarrek ukoll lil dak li jkun għamel il-ħsara, allura dan ifisser mhux biss li l-assiguratur u min jaħti għall-ħsara jwieġbu flimkien *in solidum* għall-ħsara, iżda wkoll, li bit-tħaddim tal-**Artikolu 1100 tal-Kodiċi Ċivili,** kull att li jikser il-preskrizzjoni għal wieħed minnhom, jikser il-preskrizzjoni għall-ieħor ukoll.

29. Għalhekk la l-assiguratur jista' jinstab responsabbli għall-ħlas tad-danni daqs min jaħti għall-ħsara, allura daqskemm huwa għandu l-jedd li jqajjem l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni biex joqtol l-azzjoni kontra tiegħu, daqstant ieħor però jrid joqgħod attent li jekk irid jissokta bil-preskrizzjoni huwa ma jridx iressaq magħha eċċezzjonijiet oħra li jxejnu l-istess eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

30. Fl-aħħar nett, din il-Qorti lanqas ma taqbel mal-appellati li din il-ġurisprudenza qiegħda toħnoq il-jedd ta' assiguratur li jressaq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni flimkien ma' eċċezzjoni dwar il-verifika tal-kwantum tad-danni. Kif taraha din il-Qorti ma kien hemm xejn xi jżomm

lill-appellati milli jqajmu l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, flimkien mal-eċċezzjoni li l-irjus tad-danni kollha mitluba mill-Kooperattiva appellanti kellhom jiġu ppruvati bħala li huma marbuta mal-inċident sal-grad mitlub mil-liġi.

31. Hi ġurisprudenza magħrufa f'dan is-sens illi d-dikjarazzjoni ġenerali tad-danni mhijiex prova tal-eżistenza tagħhom, imma tfisser biss li l-konvenut hu responsabbli għad-danni jekk ikun hemm (ara fost oħrajn, is-sentenza fl-ismijiet ***Kurunell Stephen Borg nomine et v. Joseph Schembri*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar, 1965). Minbarra s-sejbien tal-ħtija, jeħtieġ li jkun stabbilit ukoll li kienet dik il-ħtija li kkaġunat id-danni kollha mitluba minn min fetaħ il-kawża (ara ***Josef Galea v. Combinati Transport Services Limited nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Marzu, 2001 u ***Cassar Airconditioning Systems Limited v. Norman Zammit*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Marzu, 2006).

32. Madankollu l-appellati fl-eċċezzjonijiet tagħhom ma qalux hekk iżda qalu li l-ammont mitlub huwa «*eżorbitanti u eżaġerat għall-aħħar*». Dan bilfors jimplika li huma qegħdin sa ċertu punt jagħrfu li l-kreditu jaf jista' jkun dovut f'xi ammont anqas u eċċezzjoni bħal din tfisser rinunzja impliċità tal-preskrizzjoni.

33. Il-Qorti għalhekk qiegħda tasal għall-fehma li l-appell huwa

mistħoqq u li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kellha tiġi miċħuda.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata, tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt l-**Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili** u tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-Ewwel Qorti sabiex jitkompla s-smigħ.

L-ispejjeż li wasslu għall-ewwel sentenza u għal dan l-appell, għandhom iħallsuhom Thomas Smith Insurance Agency Limited u GasanMamo Insurance Limited flimkien bejniethom.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr